Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/02*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 02 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 26 ta' April, 2013 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-01

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Tqassim ta' Responsabiltajiet

Il-Kunsilliera ingħataw dawn ir-responsabiltajiet:-

Sindku – EU Funds, Proġetti Kapitali u Relazzjonijiet Pubbliċi.
Viċi Sindku – Edukazzjoni, Librerija Pubblika u I.T.
Kunsillier Joseph Farrugia – Saħħa u Anzjani.
Kunsillier Frank Formosa – Ambjent, Transport u Infurzar Lokali.
Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud – Kultura, Żgħażagħ u Sport.

## 4. Financial Statements 2012 - Audited

Il-Kunsill iddiskuta l-Financial Statements 2012 kif aġġustati mill-Awditur. Fil-fatt saru aġġustamenti żgħar mill-Awditur li l-Kunsill qabel magħhom. Il-Financial Statements 2012 ġew approvati unanimament.

## 5. Quarterly Financial Report – Ottubru – Diċembru 2012

Dan ir-rapport finanzjarju ġie diskuss u approvat unanimament.

## 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill fi żmien il-Festa

Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati fi żmien il-festa. Kif isir ta' kull sena l-Kunsill qabel li norganizzaw il-logħob għal kull età u anke t-tiġrijiet taż-żwiemel. Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu l-avviżi u jsiru x-xogħlijiet meħtieġa biex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu jsiru. Il-logħob għal kull età ser isiru nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju fit-8.00pm filwaqt li t-tiġrijiet taż-żwiemel ser isiru nhar il-Ħadd 2 ta' Ġunju fit-3.00pm

## 7. Skema ta' finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar l-iskema speċjali għal restawr ta' postijiet storiċi. L-applikazzjoni li kienet saret mill-Kunsill preċedenti kienet ġiet aċċettata u għalhekk se jingħata sa massimu ta' €7,000. L-applikazzjoni kienet biex jiġu restawrati l-istatwi u z-zuntier tal-Knisja. Is-Sindku ippropona li jiltaqa' mal-Kappillan u mal-Perit Angelo Portelli biex jiddiskutu flimkien ix-xogħol li jrid isir u b'hekk wara inkunu nistgħu noħorġu sejħa għall-kwotazzjoni jew offerta. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

## 8. Offerta dwar Ġbir ta' Skart Goff – Rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni

Is-Sindku qara r-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni dwar l-offerta għal ġbir ta' skart goff permezz ta' vettura 'low emission' fil-lokalita ta' L-Għasri. Il-Bord ta' Evalwazzjoni irrakomanda li l-offerta ta' Godfrey Borg għandha tiġi aċċettata peress li hija l-uniku offerta valida mit-tnejn mitfugħa. Ir-rata hija ta' €8.25 għal kull servizz. Fir-rapport tiegħu l-Bord ta' Evalwazzjoni informa lill-Kunsill li wara li ivverifikaw ma' Transport Malta irriżulta li l-vetturi tal-kuntrattur Sharlon Mercieca ma kienux Euro4 kif mitlub fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. Il-vettura ta' Godfrey Borg hija Euro4 u għalhekk kienet skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rapport tal-Bord u għalhekk din l-offerta se tingħata lill-kuntrattur Godfrey Borg. Il-Kunsill qabel li nipproċedu sabiex jiġi iffirmat il-ftehim.

## 9. Korrispondenza

9.01 Memo 06/2013 – Awguri u Ringrazzjament tas-Servizz li tajtu lill-Komunita.

9.02 Memo 07/2013 – Ftuħ tal-Uffiċini tal-Kunsilli Lokali s-Sibt 30 ta' Marzu, Sibt il-Għid.

9.03 Memo 08/2013 – Direzzjoni dwar l-Ewwel Laqgħa tal-Kunsill Lokali.

9.04 Notifikazzjoni maħruġa mill-MEPA dwar applikazzjoni għall-permessi fil-lokalita ta' L-Għasri. F'ittra oħra mibgħuta mic-Chairman tal-MEPA, il-Perit Vincent Cassar bagħat l-awguri tiegħu lill-membri kollha tal-Kunsill u anke offra biex jekk tinħass il-ħtieġa issir laqgħa flimkien.

9.05 Ms Katya Scicluna mill-Gozo Action Group (GAG) infurmat lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni għall-fondi taħt Measure 125. Il-Kunsill kien applika biex Triq Tal-Gallina, Triq Ta' Kanġla u Triq Wied Sara (fil-wied) jiġu irranġati permezz tal-konkos. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li huwa kien mar l-uffiċċju tal-GAG biex jiġbor l-informazzjoni u stima kif kien mitlub minn Ms Katya Scicluna. Minn din l-applikazzjoni l-Kunsill jista' jibbenefika sa massimu ta' €30,000. L-istimi li saru mill-Perit imqabbad mill-GAG huma €38,375 għal

Triq Tal-Gallina, €29,706 għal Triq Ta' Kanġla u €44,880 għal Triq Wied Sara (fil-wied). Dawn l-istimi huma eskluż il-VAT. Dwar ta' Triq Wied Sara (fil-wied) il-Perit għamel nota li din tista' ma tkunx approvata mill-MEPA peress li l-konkos irid jingħata direttament fuq il-wied. Il-Kunsill qabel li Triq Tal-Gallina għandha tkun il-projorita minn dawn it-tlett toroq. Peress li l-ammont massimu li nistgħu nibbenefikaw minnhu huwa ta' €30,000, il-Kunsill qabel li għandna napplikaw fuq din it-triq biss. Peress li l-istima għal Triq Tal-Gallina hija ta' €38,375, il-Kunsill irid joħroġ id-differenza biex it-triq tkun tista' issir kollha.

9.06 Is-Sur Xavier Tabone f'isem il-kumpanija Baron Group Ltd, talab il-permess tal-Kunsill biex titwaħħal tabella li tindika fejn hemm il-farmhouse tagħhom fi Triq San Pupulju. Din it-tabella tista' teħel mal-arblu li diġa hemm fil-bidu tal-istess triq. It-tabella u x-xogħol meħtieġ ser isir kollu minn Baron Group Ltd. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dwar dan.

9.07 Is-Sur Joe Attard ta' Green mt bagħat l-awguri tiegħu lill-Kunsill il-ġdid. Is-Sur Attard talab li jiltaqa' mas-Sindku biex jiġi diskuss is-servizz li toffri Green mt lill-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam riċiklar ta' skart. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar is-servizzi li tagħmel Green mt. Huwa informa lill-Kunsill dwar il-ftehim li hemm bejn iż-żewġ naħat liema ftehim wasal biex jiġi imġedded. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li l-ammont ta' €2,070 huwa dovut minn Green mt bħala spejjeż amministrattivi. Dan l-ammont ikopri minn Settembru 2011 sa Diċembru 2012. Il-Kunsill preċedenti kien qabel li għandu jiġġedded il-kuntratt iżda qabel il-Green mt għandhom iħallsu lill-Kunsill l-ammont dovut. Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu mas-Sur Attard fejn anke jiġu diskussi dawn il-pendenzi minn naħa ta' Green mt.

9.08 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) infurmat lill-Kunsill Lokali dwar il-laqgħa tas-Sindki li ser issir fil-lukanda Calypso, Marsalforn Għawdex nhar il-Ġimgħa 31 ta' Mejju u s-Sibt l-1 ta' Ġunju 2013. Għal din il-laqgħa jkunu mistiedna wkoll il-Viċi Sindki.

9.09 Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ta' Għawdex informa lill-Kunsilli Lokali (fejn saru l-elezzjoni tal-Kunsilli) biex jikkonfermaw jew jaħtru r-rappreżentant ġdid. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku għandu jkun ir-rappreżentant fir-Reġjun ta' Għawdex.

9.10 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli dwar il-Premjijiet Nazzjonali Għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2013.

9.11 Il-Kunsill irċieva l-permess biex jinbnew mill-ġdid ħitan tas-sejjieħ u b'hekk jitwessgħu partijiet minn Triq il-Ġonna. L-applikazzjoni għal dan il-permess saret fis-sena 2001. Id-deċiżjoni dwar l-istess permess ittieħdet fis-17 ta' April, 2003. Il-permes ġie ippubblikat u mibgħut lill-Kunsill fis-6 ta' April 2013. Għalhekk dan il-permess kien sar mill-Kunsilli preċedenti. Il-Kunsill qabel li niġbru l-informazzjoni dwar ix-xogħlijiet li jistgħu jsiru. Il-Perit Edward Scerri se jiġi ikkuntattjat biex jagħtina l-pjanti u l-informazzjoni peress li huwa kien il-perit li għamel l-applikazzjoni.

9.12 Il-MEPA infurmat lill-Kunsill li l-fond ta' Urban Improvement Funds huwa ta' €4,076.10.

9.13 Ms Audrey Testaferrata Denoto minn Transport Malta infurmat lill-Kunsill li ġew approvati sabiex iz-zebra crossings li hemm fi Triq tal-Fanal u fi Triq Għammar isirulhom id-dwal (belisha lights). Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn u qabel li għandu jiġi ikkunsidrat li z-zebra crossing fi Triq Għammar titneħħa. Dwar dik ta' Triq tal-Fanal, is-Sindku se jara x'inhi l-opinjoni tar-residenti u wara tittieħed deċiżjoni jekk għandnix inħalluha jew le. Għalhekk il-Kunsill qabel li naplikaw ma' Transport Malta sabiex z-zebra cross li hemm fi Triq Ta' Għammar titneħħa. Il-Kunsill qabel li din kienet saret temporanjament meta t-triq li twassal għal Ta' Pinu kienet qed tinbena mill-ġdid u għalhekk ħafna traffiku kien qed jgħaddi minn Triq Għammar. Għalhekk issa din m'għadx hemm bżonnha.

9.14 L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali (ANSEK) bagħtet l-awguri lill-membri kollha tal-Kunsill il-ġdid.

9.15 Clifford Vella informa lill-Kunsill li għadu kif ippubblika ktieb dwar Għawdex (Places of Interest in Gozo). Il-ktieb jiswa €7.50. Il-Kunsill qabel li nordnaw ktieb wieħed biex jitpoġġa fil-librerija.

9.16 Denise Brincat minn GreenPak bagħtet l-awguri lill-membri kollha tal-Kunsill il-ġdid.

9.17 JG Publisher informa lill-Kunsill dwar ktieb tal-awtur Josef Grech, 'Duminku Mintoff u Malta fi Żmienu'. Il-Kunsill qabel li jixtri dan il-ktieb li jiswa €45 biex jitpoġġa fil-librerija.

9.18 L-Għaqda Maltija tal-Ortikulura stiednet lill-Kunsilli Lokali għall-wirja annwali bl-isem 'The Great Spring Show'. Huma talbu wkoll sabiex il-Kunsill jagħti donazzjoni u issir qoffa bi prodotti lokali. Il-Kunsill qabel li ma' nistgħux nagħtu donazzjoni peress li mhux permess bil-liġi.

9.19 George Galea f'isem Locations Productions informa lill-Kunsill dwar ġbid ta' film f'Wied L-Għasri. Huwa għadda wkoll kopja tal-permess minn għand il-MEPA bil-kundizzjonijiet kollha. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

9.20 L-Enemalta infurmat lill-Kunsill li ż-żewġ lampi ġodda li applika għalihom biex jeħlu fi Triq il-Ġonna huma ġustifikati. Dawn il-lampi kien applika għalihom il-Kunsill preċedenti peress li l-istess triq hija mudlama. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li biex dawn il-lampi jsiru, il-Kunsill irid jgħaddi trinka u cables tad-dawl peress li f'din it-triq fil-preżent m'hemmx dawl. L-istima ta' GaleaCurmi Eng. Consultants biex jiġu installati dawn il-lampi hija ta' €5,220.55. Il-Kunsill qabel li għalissa dawn il-lampi ma jsirux.

9.21 Glynis Pace infurmat lill-Kunsill dwar periklu li jiġġarraf il-ħajt li hemm fi Triq il-Fanal (taħt it-triq) fejn hija għandha ġnien mad-dar tagħha. Il-Kunsill preċedenti kien iddiskuta dan is-suġġett u anke r-rapport tal-Perit Edward Scerri fejn issuġġerixxa x'għandu jsir. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-parir tal-Perit John Saliba dwar dan il-każ biex jiġi verifikat ta' min hi r-responsabilta li jsir ix-xogħol fuq dan il-ħajt. Dan għar-raġuni li għalkemm il-ħajt qiegħed taħt it-triq, l-art ta' taħtu hija żviluppata u mhux egħlieqi. Fil-fatt l-istess ġnien huwa magħluq u hemm bieb u xatba li jissakru u għalhekk dan il-ġnien huwa privat u ħadd ma jista' jidħol jekk mhux bil-permess tas-sidien.

**10. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-02 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**11. Materja oħra**

11.01 Is-Sindku ippropona li jsiru road humps fi Triq Salvu Gambin biex it-traffiku jgħaddi b'veloċita aktar bil-mod u b'hekk jiġu evitati inċidenti. Huwa se jiddiskuti din il-problema mar-residenti ta' din it-triq u aktar 'l quddiem jindika eżatt fejn l-aħjar li jistgħu isiru r-road humps biex ma jkunux ta' inkonvenjent għal ħadd. Kif ikolna l-informazzjoni kollha l-Kunsill ikun jista' japplika ta' Transport Malta biex dawn ikunu jistgħu isiru.

11.02 Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jibda jesplora l-possibilta' li jinbena playing field fil-lokalita ta' L-Għasri. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li kulħadd għandu iressaq is-suġġerimenti tiegħu u b'hekk l-Kunsill ikun jista' jibda jaħdem fuq dan il-proġett.

11.03 Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud ipproponiet sabiex fi Triq Ta' Għammar (kantuniera ma' Triq tal-Fanal) issir mountable roundabout peress li qed ikun hemm periklu tat-traffiku. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-Perit John Saliba se jintalab jagħmel il-pjanta biex wara issir l-applikazzjoni ma' Transport Malta.

11.04 Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jibda jagħti l-premju 'Ġieħ L-Għasri' fejn persuna jew persuni jingħataw dan il-premju għal xogħol li huma għamlu b'risq dan ir-raħal. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk kull membru għandu jressaq is-suġġerimenti tiegħu biex dan il-premju jibda jingħata fil-futur qrib.

11.05 Is-Sindku ippropona biex il-ħajt li hemm fi Triq il-Wilġa jiġi irranġat peress li jinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Dan il-ħajt huwa fir-responsabilta tal-Gvern Ċentrali peress li Triq il-Wilġa hija triq arterjali. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Ministeru Għal Għawdex biex jibgħat lill-ħaddiema u jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

11.06 Il-Kunsillier Joseph Farrugia informa lill-Kunsill li waslulu ilmenti dwar il-bankijiet li kien hemm fi Triq tal-Fanal peress li dawn kienu inqalgħu meta saret il-bankina mill-ġdid u ma reġgħux twaħħlu. Il-Kunsill qabel li għandna inwaħħlu dawn il-bankijiet.

11.07 George Formosa ta' 61 Triq Ta' Għammar (Sqaq Tal-Qattus) informa lill-Kunsill li meta kien ingħata l-konkos fl-istess sqaq xi snin ilu, l-ilma tax-xita kollu qed jaqleb għal garaxx tiegħu bil-konsegwenza li qed jidħol ħafna ilma u tagħmillu l-ħsara. Huwa talab li jsir gandott għall-ilma tax-xita u b'hekk tissolva din il-problema. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jmur fuq il-post biex jara x'jista' jsir. Jekk ikun hemm il-ħtieġa is-Sindku għandu jitlob il-parir tal-Perit biex tissolva din il-problema.

11.08 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li irċieva lmenti dwar l-istat ta' partijiet minn Triq Wied L-Għasri u Triq Tal-Gallina. Il-Kunsill qabel li dawn it-toroq għandhom jitranġaw bl-inqas spejjeż possibbli. Parti minn Triq Wied L-

Għasri għandha titqaxxar u tiġi livellata bil-materjal li hemm stess filwaqt li f'partijiet oħra l-ħofor iridu jimtlew biż-żrar u ramel. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jsir il-patching bil-cold asphalt tat-toroq urbani.

11.09 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-sena l-oħra bħal dan iż-żmien fis-soft area li hemm fi Triq L-Għasri kienu tħawlu xtieli. Dawn kienu inxtraw mill-Kunsill u l-ħaddiema tal-Kunsill kienu jieħdu ħsieb it-tisqija b'mod regolari. Is-Sindku ippropona li peress li din tinsab fi triq arterjali għandna nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex biex kif isebbaħ diversi postijiet f'toroq arterjali hekk ukoll jibdew jieħdu ħsieb jagħmlu fjuri f'din is-soft area. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser issir talba lill-Ministeru Għal Għawdex.

11.10 Kull sena l-Kunsill jorganizza t-trasport għall-bajja tal-Qbajjar u lura. Dan isir nhar ta' Tnejn fl-4.00pm u lura fis-6.45pm. Il-Kunsill qabel li dan għandu jerġa' jibda jsir mill-bidu ta' Lulju u jdum sejjer sa Settembru.

11.11 Dr Franco Mercieca ta' Triq tal-Fenek, talab biex issir bankina mal-post il-ġdid tiegħu. Huwa talab li ssir biss il-kurduna peress li l-madum se jixtrih hu u jwaħħluh il-ħaddiema tiegħu. Il-Kunsill qabel li isir ix-xogħol meħtieġ.

11.12 Maria Attard ta' Triq Dun Karm Caruana, infurmat lill-Kunsill dwar problema tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq tal-Fanal fejn għandhom l-egħlieqi. Is-Sindku qal li huwa kien tkellem ma' Maria Attard dwar din il-problema. Is-Sindku ippropona li għandu jkellem lill-Perit biex naraw x'jista' jsir biex din il-problema tissolva.

11.13 Il-Kunsillier Frank Formosa issuġġerixxa sabiex jinżebgħu l-bibien tal-latrina pubblika. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ix-xogħol meħtieġ ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 24 ta' Mejju, 2013 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fl-10.15p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |